7 ta' Ġunju, 1952

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Violet Smith

**Kalunnja — Kwerela — Prova — Element Intenzjonali — Art. 99 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Ir-reat ta' kalunnja huwa persekwibili "ex officio"; u għalhekk ma hix meħtieġa għal dik il-prosekwibilità l-kwerela tal-persuna kalunnjata.*

*Ma hemm xejn kontra l-liġi illi f'kawża ta' kalunnja, fejn il-falsità ta' l-addebitu trid tiġi ndagata, tinġieb bħala prova dikjarazzjoni li jkun għamel il-pretiż kalunnjatur dwar il-verità jew le tar-rapport, li jkun għamel b'ġurament quddiem il-Qorti f'kawża li tkun saret kontra l-persuna kalunnjata u fejn il-kalunnjatur ikun deher bħala xhud; u dan avvolja huwa jkun ġie mressaq bħala xhud f'dik il-kawża mill-Pulizija.*

*Huwa veru li skond il-Liġi Maltija, biex jiġi integrat id-delitt tal-kalunnja, huwa meħtieġ l-element intenzjonali, fis-sens illi l-kalunnjatur irid ikun għamel ir-rapport falz bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil xi ħadd; imma hu paċifiku illi dan ifisser illi hu biżżejjed li l-kalunnjatur ikun jaf illi l-inkolpat kien innoċenti tar-reat lilu attribwit. U l-kalunnjatur ma jistax jgħid li dan l-element huwa nieqes, meta huwa ma setax kien ingannat meta għamel ir-rapport, u għalhekk ma jistax jgħid li kien in bwona fede meta għamel l-istess rapport.*

Fuq l-imputazzjoni illi l-Furjana, fis-16 ta' Awissu 1951, bil-ħsieb li tagħmel ħsara lil Anthony Attard, akkużatu quddiem awtorità kompetenti li tkellem faħxi fil-pubbliku, u li pponta mus fuqha meta kienet fil-ħanut tagħha tax-xorb spirituż, mentri kienet taf li huwa innoċenti, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tas-17 ta' Diċembru 1951, l-imsemmija Smith ġiet misjuba ħatja li għamlet rapport kontra Anthony Attard quddiem awtorità kompetenti, ċjoè lill-Pulizija, illi huwa kien imminaċċjaha b'mus, waqt li hija kienet taf li kien innoċenti ta' dan ir-reat, u ġiet kundannata għall-piena tal-priġunerija għal żmien għoxrin ġurnata;

L-imputata appellat minn dina d-deċiżjoni;

Trattat l-appell tagħha, din il-Qorti kkunsidrat;

Mill-provi deher illi verament l-imputata għamlet rapport

bill-Pulizija, ċjoè lis-Surġent Buttigieg, kontra Anthony Attard, fis-sens li hija u dan kellhom xi jgħidu, u li Attard kien ħalef bl-isem tal-Madonna u kien heddidha b'xi mus:

Irriżulta mill-kumpless tal-provi illi, għalkemm kien veru li Attard kien ħalef, però ma kienx veru li heddidha b'mus;

Fl-ewwel istanza, u fir-rikors ta' l-appell, id-difiża opponiet illi ma kienx hemm il-kwerela ta' Attard. Diffiċilment jiftiehem kif ġiet mogħtija din l-eċċezzjoni; għax hu indubitat li r-reat ta' kalunnja huwa persekwibili "ex officio". Fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti din l-eċċezzjoni ma ssemmietx aktar;

Id-difiża qalet ukoll illi l-Ewwel Qorti ma setgħetx tikkunsidra bħala prova d-dikjarazzjoni ta' l-imputata fil-kawża kontra Attard, li hemm fil-fol. 15 ta' l-inkartament, għaliex hemm hija kienet xhud miġjuba mill-Pulizija, u kellha bilfors tixhed. Lanqas dan il-motiv ma hu ċar. Infatti, meta l-Pulizija fuq ir-rapport ta' l-imputata pproċediet kontra Attard, ressqet bħala xhud lill-imputata, u din bil-ġurament għamlet id-dikjarazzjoni li kopja tagħha hemm fol. 15, fejn qalet li hija kienet irrapportat lill-Attard li kien dagħa u li kien qabad mus għaliha, iżda li dan ma kien veru xejn, u li kienet għamlet hekk għax dak iż-żmien kienu miġġieldin u riedet teħles minnu mill-ħanut, u li issa ma humiex aktar miġġieldin;

Issa, ma hemm xejn kontra l-liġi illi f'kawża ta' kalunnja, fejn il-falsità ta' l-addebitu trid tiġi ndagata, tinġieb bħala prova dikjarazzjoni li jkun għamel il-pretiż kalunnjatur dwar il-verità jew le tar-rapport li jkun għamel. Anzi kieku dik id-dikjarazzjoni saret mhux fil-Qorti b'ġurament, imma lil terza persuna bla ġurament, l-istess kienet tkun prova ammissibili fil-proċess tal-kalunnja; għaliex hu ndubitat illi l-Qorti li għandha tiddeċidi fuq il-kalunnja tista' tkun illuminata mid-dikjarazzjonijiet dwar il-verità jew le tar-rapport li tkun għamlet il-persuna stess li rrapportat. Il-fatt li l-imputata ġiet prodotta mill-Pulizija ma jfisser xejn, għaliex, se maj, l-imputata setgħet talbet li tiġi eżentata milli tixhed jekk dehrilha li setgħet tinkrimina ruħha. Appartı dan kollu, il-fatt li Attard kien dagħa, imma ma kienx hedded lill-imputata, irriżulta anki "aliunde", mix-xhieda prodotti;

Ingħad ukoll mid-difiża, almenu fir-rikors ta' l-appell, illi

l-imputata ma kellhiex l-intenzjoni li tagħmel ħsara lil Attard, u li għalhekk jonqos l-element intenzjonali tal-kalunnja. Huwa veru illi l-Liġi Maltija—art. 99 Kap. 12—tuża l-kliem "bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil xi persuna"; imma hu paċifiku li dan ifisser biss illi l-kalunnjatur ikun jaf li l-inkolpat ikun innoċenti tar-reat lilu attribwit. Tant hu hekk, illi l-kliem użati fil-liġi tagħna, li kienu jirrikorru anki fil-Kodiċi Taljan ta' l-1859, ġew sussegwentement ommessi fil-Liġi Taljana, għaliex, kif ġie osservat fir-Relazzjoni Ministerjali, n. CV, "l'incolpazione di un reato a persona la quale si sa innocente non può essere che dolosa, non può essere fatta che nel disegno di nuocerle". Jingħad tajjeb, għalhekk, fil-ktieb "Annotazioni alle Leggi Criminali" ta' l-Avukat Dr. Falzon, paġ. 181, illi "tale disegno di nuocere si deve presumere constando che il denunciante sapesse dell'innocenza del denunciato..........";

Qalet ukoll id-difiża, in vija ta' doljanza oħra kontra l-pronunzja appellata, illi r-rapport kien sostanzjalment veru, għax kien veru li l-imputat dagħa. Issa, huwa veru li, fil-konkors taċ-ċirkustanzi meħtieġa, dik li tissejjaħ "giusta credulità" tista' teżonera mill-addebitu ta' kalunnja; imma f'dan il-każ ma setax kien hemm dil-"giusta credulità", għax l-imputata rrapportat lil Attard fuq fatt li suppost ġara kontra l-persuna tagħha, u li suppost hi stess rat u semgħet; ma kienx kwindi possibili li tiġi ngannata u tagħmel ir-rapport in bwona fede. Għalhekk il-każ tagħha kien dak li fid-dottrina jissejjaħ "calunnia manifestissima", għax bil-fors li l-imputata kienet taf li ma kienx veru li Attard heddidha bil-mus;

L-ispjegazzjoni ta' kollox, milli jidher, kienet din. L-imputata u Attard........... kellhom xi jgħidu, u dak il-ħin hija riedet teħles minnu. Allura ddeċediet tagħmel rapport kontra tiegħu, u peress li setgħet ħasbet li dak li kien veru (ċjoè d-dagħa) ma kienx ikun ta' effett biżżejjed għall-iskop tagħha, irrinkarat id-doża b'addebitu falz, dak ta' theddid bil-mus. In segwitu għamlet paċi, u meta saru l-proċeduri kontra Attard, sabiex teħelsu minn kollox, ċaħdet tant dak li kien veru kemm ukoll dak li kien falz;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ddeċediet billi rrespinġiet l-appell u kkonfermat is-sentenza appellata.

---